MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta ta' l-1 ta' Jannar, 1900

Numru 28/2005

Il-Pulizija
(Sp Nadia Lanzon)
vs
Paul Mangion, iben Maurice,
imwieled Raħal Ġdid fit-13 ta'
lulju, 1977

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli ġewwa Mdina Road, Ħaż-Żebbuġ, fil-lejl ta' bejn is-16 u is-17 ta' april, 2003 għal ħabta tal-11.30 p.m. –
a. ikkometta serq ta' vettura ta' l-għamla Ford Transit, bin-numru tar-reġistrazzjoni BAH 529, għad-dannu ta' Salvino Brincat mill-Birgu, liema serq hu kkwalifikat bil-valur li ma jeċċedix l-elf lira maltin, bil-mezz, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;

b. talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanżi, irrenda ruħu kompliċi f'dan id-delitt billi b'xi mod li jkun, xjentement għen fl-atti li bihom ġie ppreparat jew ikkunsmat;
c. talli fis-17 ta' april, 2003 ġewwa Birżebbuġia, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew, xjentement b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom u cioe' magna tal-vettura Ford Transit, bin-numru tar-reġistrazzjoni BAH 529, għad-dannu ta' Salvino Brincat.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali li biha ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' ġunju, 2005 fejn Salvino Brincat informa l-Qorti li
l-imputat ħallas dak kollu dovut u illum ma għandu ebda pretensjoni kontra l-imputat.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' ġunju, 2005 fejn l-imputat ammetta l-akkuża ta' riċettazzjoni.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-ewwel żewġ akkużi miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkużi. Issibu ħati tat-tielet akkuża miġjujba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 334(a) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------